MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2006

Numru. 772/2005

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH AGIUS
VS
JAMES DEMANUELE

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat James Demanuele, ta’ 31 sena, bin Felix u Rose nee’ Camilleri, imwieled Pieta’ nhar l-4 t’April 1974, residenti Nru. 48, Dar ir-Redentur, Triq George Caruana, Tarxien, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 235374(M), u akkuzat talli nhar is-27 t’Awissu 2005, ghal habta ta’ 13.45hrs fi Triq Le Sengle, gewwa Marsascala, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, billi ghamel hsara volontarja fuq il-vettura Maruti 800 bin-numru tar-registrazzjoni HAS 198, liema hsara tiskorri l-hamsin Lira Maltin (Lm50), izda mhux il-hames mitt Lira Maltin (Lm500), ghad-dannu ta’ Maria Elena Felice minn Marsascala, u kif ukoll hsara fuq il-bieb ta’ barra tar-

residenza ta’ Carmelo Felice u Josephine Felice, u dan bi ksur tal-Artiklu 325(b) u (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Akkuzat ukoll talli fis-27 u fit-30 t’Awissu 2005 u fix-xhur ta’ qabel dawn id-dati, fl-istess lok hedded bil-mewt lill-istess Elena Maria Felice bil-kliem ‘ohrog ha noqtlok…u minn taht idejja tghaddi.’

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, u fit-30 t’Awissu 2005, volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat, storbju u glied, dagha u kliem oxxen, u dan bi ksur tal-Artiklu 338(bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xort’ohra li ma titqiesx bi vjolenza pubblika fuq persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi minn awtorita’ kompetenti, billi heddidhom bil-mewt, u dan bi ksur tal-Artiklu 95 u 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi saq il-vettura KAH 615 minghajr ma kienet koperta b’licenzja biex tintuza’ fuq it-triq u ma kinitx koperta b’polza ta’ assigurazzjoni.

Akkuzat talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordni legittima tal-Pulizija, u dan bi ksur tal-Artiklu 338(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Akkuzat ukoll talli sar recidiv b’sentenzi tal-Qorti tal-Appell tat-2 t’Ottubru 2000, u l-10 ta’ Novembru 2004, liema sentenzi kienu kkonfermati mill-istess Qorti.

F’kaz ta’ htija, il-Qorti kienet mitluba li tapplika l-provvediment tal-Artiklu 383(bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta a favur ta’ Elena Maria Felice u l-familja taghha, u li l-istess James Demanuele jigi skwalifikat mill-licenzja tas-sewqan.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 13) u tal-imputat (a fol 17) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet.

Ikkunsidrat:-

Mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirrizulta illi l-kwerelanti Elena Maria Felice talbet l-assistenza tal-Pulizija ghaliex l-ex gharus taghha, l-imputat James Demanuele kien qieghed wara l-bieb tad-dar ta' missierha u kien qed ikisser il-'wind screen' tal-karozza taghha. Illi ghalhekk, il-Pulizija ta' Haz Zabbar accedew fuq il-post, fejn instabet karozza tat-tip Maruti bin-numru tar-registrazzjoni HAS 198, bil-'wind screen' imkissra quddiem ir-residenza fi Triq La Sengle, Marsascala. Il-familja Felice nfurmaw lill-Pulizija illi Elena kienet appena sabet l-erba' pajpijiet tal-'brakes' tal-karozza taghha maqtughin, u ghaldaqstant, kienet talbet l-assistenza tac-CAA biex jirmunkaw il-karozza sad-dar taghha.

Illi filfatt, ic-CAA kienu ghadhom kemm wasslu l-karozza quddiem ir-residenza tal-familja Felice, meta tfacca l-imputat James Demanuele u hedded lill-missier Carmelo Felice, u hedded ukoll lil Elena Maria Felice bil-kliem li kien ser joqtolha.

Spettur Joseph Agius xehed is-segwenti a fol 21:

**'Ahna l-Pulizija dwar it-theddid kellna nehduha bis-serjeta' ghaliex dan James Demanuele ghadu hiereg mill-habs ghaliex stabbja lill-istess Elena Maria.'**

Il-Pulizija, malli nkiseb l-appozitu 'arrest warrant' ( ara dokument JA a fol 25), bdew jaghmlu t-tfittxija taghhom ghall-imputat James Demanuele u ghaldaqstant, marru fid-dar ta' missieru pero' ma nstabx. Infatti, James Demanuele cempel hu stess lill-Pulizija u beda jghidilhom

kliem bhal li m'ghandhomx cans li jsibuh u jekk iriduh, kellhom ifittxuh huma. Il-Pulizija hallew ufficjal minn taghhom ghassa mal-bieb tad-dar ta' Demanuele, u wara ftit filfatt, irnexxielhom jaqbduh pero' James Demanuele rega' harbilhom. Kien biss fil-31 t'Awissu illi gie arrestat l-imputat meta dan iddecieda li jaghti ruhu f'idejn il-Pulizija.

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat sostna mal-Pulizija illi kien veru li kien hdejn id-dar ta' Elena Maria Felice ghal habta tas-saghtejn u nofs dakinhar, u dan ghaliex xtaq jara lit-tifla tieghu li kien ilu mcahhad milli jaraha xi sitt xhur. Ikkonferma li hu kien ghadda minn hemmhekk wara li xorob zewg fliexken birra go xi kazin, ra lil missier Elena hdejn id-dar, u talbu permess biex jara lil bintu. Carmelo Felice beza' u telaq jigri fid-dar tieghu, u ghaldaqstant l-imputat Demanuele, beda jimbotta l-bieb ta' barra halli ma jhallix lil Carmelo Felice jghalqu barra. L-imputat Demanuele xehed illi fl-isfond ta' dawn il-manuvri, huwa tilef il-bilanc u waqa' lura, u b'minkbejh serrah mal-'wind screen' tal-karozza li tkisser.

Spettur Agius, a fol 22, kompla jixhed illi huwa sussegwentement, ircieva kwerela minghand Dr Farrugia ghan-nom ta' Elena Felice li giet esebita bhala dokument JA1.

L-istqarrija tal-imputat Demanuele, li tinstab a fol 26 u 27 tal-process giet esebita u mmarkata bhala dokument JA1. It-tieni stqarrija tal-imputat giet esebita u mmarkata bhala dokument JA2 li tinstab a fol 28.

Il-kwereli gew esebiti u mmarkati bhala dokument AF u AF1, a fol 14 u 15 tal-process, waqt illi dokument AF2 hija l-istima tal-hsarat li tinstab a fol 16 tal-process.

Elena Maria Felice, a fol 29 et seq, ikkonfermat il-kwereli AF u AF1, u xehdet is-segwenti:

**'Dakinhar tas-27 (Awissu 2005), kienet gejja l-karozza minn fejn l-ghassa ta' Hal Qormi ghac-CAA, u kif waslu kien hemm wiehed qed jiffolowja l-karozza, ghax irid ikun hemm xi hadd prezenti biex**

**jittowjahieli. Kif waslu vicin tal-bieb, gejt biex innewlilhom ic-cavetta halli jkunu jistghu jipparkjaw il-karozza, u harget ohti mieghi ghax nibza’ wahdi ghax kien diga’ gie ghalija l-gurnata ta’ qabel, u kif hrigt, narah gej mit-tarf tat-triq. Ghamilli bhal speci, minn taht idejja ha tghaddi, u dhalt nigri ‘l gewwa jiena. Ohti dahlet warajja, u fil-fixkla ghalaqna lill-papa’ barra u sakemm ftahna u dahhalna lill-papa’ tghidx kif dahal. James beda jaghti bis-sieq u b’kull haga mal-bieb, beda jbexxqu daqshekk, it-tifla tibki thalluhx joqtol lill-mummy, u mbaghad bdejna nisimghu hsejjes kbar, kissirli l-karozza. Il-karozza jien ma rajtux ikissirha, tac-CAA rawh u ohti jigifieri u rrapurtajna lill-Pulizija, u kienu qalu li kien wanted. Imbaghad it-Tlieta rega’ gie ghalija fl-ghaxra ta’ filghaxija u fis-siegha u nofs ta’ filghodu.’ (ara fol 30).**

Elena Maria Felice kkonfermat illi l-valur tal-hsara fuq il-‘wind screen’ kien mija u sebghin Lira Maltin (Lm170) u kkonfermat l-istima dokument AF2 a fol 16.

Elena Maria Felice kkonfermat illi mir-relazzjoni li hija kellha mal-imputat, twieldet tifla li llum ghandha seba’ snin bl-isem ta’ Dianira Demanuele. Permezz ta’ digriet tal-Qorti, l-imputat ghandu access sorveljat minn ‘social worker’ mill-Appogg. Din is-‘social worker’ tinzel sad-dar ta’ Elena Maria Felice biex tigbor lill-minuri Dianira Demanuele, imma din it-tifla ma tkunx trid tmur. Elena Maria Felice xehdet illi t-tifla taghha Dianira kienet twieldet normali izda wara li rat lil missierha James Demanuele jaghti xeba’ lilha (Elena Maria Felice) bis-sikkina, it-tifla Dianira saret ‘autistic’, tbati wkoll minn ‘selective mutism’ u hija ‘selective listener’. Elena Maria Felice tghid illi t-tifla taghha ma titkellimx u lanqas tisma’ u tista’ tikkomunika biss man-nies tad-dar (ara xhieda a fol 31).

Elena Maria Felice xehdet illi fl-incident li sehh mar-ragel taghha fil-11 t’Awissu 1999, l-imputat kien taha xeba’ sikkina quddiem it-tifla taghha, filfatt kien taha tlett daqqiet ta’ sikkina, b’konsegwenza li hija kienet fil-periklu tal-mewt, u sostniet illi r-ragel taghha kien wehel il-habs fuq dan kollu u hareg fis-27 ta’ Gunju, **‘U mis-27 ta’ Gunju ilu**

**jghidli ha noqtlok, minn taht idejja tghaddi, darba hlistha, it-tieni darba ma tehlishiex.' (ara xhieda a fol 32).**

Elena Maria Felice xehdet illi fl-incident tas-27 t'Awissu 2005, l-imputat kien beda jheddidha bil-kliem **'ohrog ha noqtlok, minn taht idejja tghaddi'** u dan it-tip ta' kliem (ara xhieda a fol 32). Elena Maria Felice, waqt il-kontro ezami, tinnega illi hija kienet qed iccahhad lill-imputat milli jara lil bintha, u tghid illi hija dejjem attendiet ghall-access fl-Appogg kull nhar ta' Erbgha. Elena Maria Felice, a fol 33, xehdet illi l-access dan l-ahhar kien qed isir fil-karozza **'kien qed ihallina siegha u fil-karozza…it-tifla billi autistic ma riditx tinzel bl-ebda mod mill-karozza'** u ghaldaqstant, l-access kien qed isir billi joqoghdu fil-karozza mas-'social worker' **'ninqlew siegha shiha fix-xemx'**. Elena Maria Felice nnegat illi hija kienet qed tirrifjuta l-access, anzi tghid li hija kienet tiehu lil bintha l-Appogg, li pero' s-'social worker' ma setghetx tuza' l-forza fuq it-tifla taghha Dianira. Elena Maria Felice kkonfermat illi kif rat lill-imputat Demanuele riesaq lejha, hi dahlet 'l gewwa u semghet it-tisbit.

WPS 156 Sonia Parascandolo, a fol 35, ikkonfermat illi fis-27 t'Awissu 2005 hija kienet qeghda 'duty' l-ghassa Haz Zabbar 'second watch', meta dahlet it-telefonata ta' Elena Maria Felice ghall-assistenza mill-Pulizija. WPS 156 xehdet illi hija telghet flimkien ma' PC 1576 u PC 192, li pero' ma sabu lil hadd, u nnutaw illi l-karozza HAS 198 Maruti, ta' kulur abjad, kellha l-'wind screen' ta' quddiem imkisser. Ghaldaqstant, kellmu lill-familja Felice fejn gew infurmati illi l-karozza HAS 198 kienet ghada kemm giet ittowjata mid-dirigenti tac-CAA, meta gie l-ex gharus taghha, li beda jghajjat u jheddidha li ser joqtlilha lil bintha. Il-familja Felice dahlu 'l gewwa, fejn l-imputat baqa' jsabbat mal-bieb, semghu hafna tkissir, u sussegwentement indunaw illi l-'wind screen' tal-karozza kienet imkissra.

WPS 156 kompliet tixhed, a fol 36, illi hija ghaldaqstant, kienet baghtet ghal Stephen Said tac-CAA, li kkonfermalha l-istess verzjoni, ghaliex huwa kien prezenti

u ra lill-imputat ikisser il-‘wind screen’ tal-karozza HAS 198. L-okkorrenza giet esebita bhala dokument WPS. WPS 156 ikkonfermat illi l-familja Felice qalulha illi l-imputat hedded kemm lill-bint, kif ukoll lill-missier cioe’ Carmelo Felice. WPS 156 xehdet illi hija nnutat biss il-hsarat fuq il-‘wind screen’ tal-karozza HAS 198 izda seta’ kien hemm hsarat ohra li hija ma nnutathomx.

Josephine Felice, a fol 40, xehdet illi hija kienet fuq il-bejt u bdiet tisma’ lil Elena tghajjat u tibki **‘hawn James, hawn James’**. Illi ghaldaqstant, hija nizlet tigri u sabet lir-ragel taghha Carmelo u lit-tifla l-ohra taghha Dorianne jimbuttaw il-bieb ta’ barra, ghaliex l-imputat beda jaghtih bis-sieq biex jidhol ‘l gewwa. Il-bieb kien qieghed bil-katina u ma setax jinghalaq. Josephine Felice xehdet illi f’xi hin irnexxielhom jghalqu l-bieb u hemmhekk, l-imputat **‘mar jinfexx nahseb mal-karozza’**. Josephine Felice xehdet is-segwenti:

**‘U beda jghidli ohrog ha noqtlok, minn taht idejja tghaddi, ilu biex jaghmilhielha Onorevoli, il-Gimgha mar fuq ix-xoghol biex joqtolha wkoll. Din qalghet xeba’ sikkina seba’ snin ilu xi haga hekk, jigifieri l-hsieb hemm qieghed li tintemm, u ilni naghmel rapporti, thallunix nigi u nghidilkom li binti mietet.’ (ara xhieda a fol 41).**

Josephine Felice kkonfermat illi hija rat lill-imputat gej meta hija kienet fuq il-bejt, u semghetu jghid il-kliem ta’ theddid **‘u din irrepetiet ruhha t-Tlieta minghalija fl-ghaxra ta’ bil-lejl, gie jghajjat u bi kliem oxxen, m’ahniex nies ta’ hekk’ (ara fol 41).**

Carmelo Felice, a fol 43, xehed illi huwa kien ghadu kemm jirritorna mix-xoghol dakinhar tal-incident, kien is-Sibt, u ra lil tac-CAA igibu l-karozza ta’ bintu Elena Maria Felice. Fil-pront, sab lil James Demanuele quddiemu u mar biex jidhol id-dar. Carmelo Felice xehed is-segwenti:

**‘Dhalt, kif imbuttajt il-bieb beda jaghti fuq il-bieb bis-sieq, bil-ponn, jidghi, jitkellem hazin u nghalqitilna l-katina, dik li naghmlu bil-lock, inghalqitilna barra u**

**jien u t-tifla l-kbira bdejna nzommu l-bieb. Sadanittant beda jkompli jidghi u jhedded.' (ara fol 43 u 44)'.**

Carmelo Felice kkonferma li sema' hafna daqqiet u storbju u tkissir fuq il-karozza ta' Elena Maria. Carmelo Felice kkonferma li huwa cempel ghall-assistenza tal-Pulizija u sostna illi t-Tlieta ta' wara dan l-incident, **cioe' tlett ijiem wara l-incident, l-imputat rega' mar wara l-bieb tar-residenza taghhom u beda jghajjat u joffendi lil bintu bil-kliem baxx u jheddidha li trid tghaddi minn taht idejh**. Carmelo Felice kkonferma l-hsarat illi l-karozza ta' bintu garrbet fuq il-'wind screen' u fuq il-bieba, u mal-'body' tal-karozza, u li xhud ta' dan kollu kien hemm il-persuna tac-CAA. Carmelo Felice, in kontro ezami, innega illi l-imputat talab biex jara lil Dianira u kkonferma illi beda jitlob ghal Elena.

Dorianne Felice, a fol 47, ikkonfermat illi hija oht Elena Felice, ikkonfermat illi l-karozza ta' Elena kienet giet ittowjata mid-dirigenti tac-CAA, wara l-incident li kellha ftit jiem qabel. Dorianne Felice xehdet illi l-membri tal-familja taghha ma jhallux lil Elena Maria tkun wahedha, u li meta gew tac-CAA, hija nizlet maghha biex ittihom ic-cavetta sabiex ikunu jistghu jipparkjawlha l-karozza. Dorianne Felice xehdet is-segwenti:

**'Fid-daqqa u l-hin naraw gej b'rabja kbira lil James Demanuele. Sadanittant tac-CAA kien qed jipparkja l-karozza. Jien dahhalt nigri lil ohti 'l gewwa u qfilna l-bieb u mort nittawwal mill-eye hole tal-bieb, u beda jghajjat lic-CAA 'min int, min int' irrabjat hafna…dak il-hin kien hemm missieri gej mix-xoghol ukoll, u hrigt nigri jien niftah lill-papa' biex jidhol gewwa. Ma nafx kif dahal ghax dak il-hin nizel James mill-karozza u qfilna l-katina tal-bieb in-naha ta' barra u ma stajniex nghalqu l-bieb u zammejnieh jien u l-papa' u beda jaghti daqqiet kbar bis-sieq u jitkellem b'mod vulgari biex nifthulu u beda jghid 'ohrog ha noqtlok, minn taht idejja tghaddi'…repetutament il-hin kollu jghidilha 'ohrog ha noqtlok, ifthu l-bieb', u jghajjarha b'mod vulgari, u beda jissossa l-bieb.'**

Dorianne Felice kkonfermat illi l-imputat beda jkisser il-karozza billi ta daqqa ta' ponn mal-'wind screen' u faqaghha (ara xhieda a fol 48 u 49).

PC 156 Simon Grech, a fol 50 et seq, ikkonferma x-xhieda ta' WPS 156 u kkonferma l-hsara fuq il-'wind screen' tal-karozza ta' Elena Maria Felice.

PC 192 Ramon Godano, a fol 92, ikkonferma l-hsara fuq il-karozza ta' Elena Maria Felice.

Spettur Joseph Agius, a fol 58, esebixxa zewg sentenzi esebiti bhala dokument JX1 u JX2.

WPC 191 Marica Borg, a fol 73 tal-process, ikkonfermat l-istqarrija tal-imputat dokument JA1.

Roseline Saliba, a fol 75, Social Worker fid-Domestic Violence Unit fl-Agenzija Appogg, xehdet illi hija kienet qed tahdem ma' Elena Maria Felice ghal dawn l-ahhar tlett snin. **Il-kaz kien ingab a konjizzjoni taghha minhabba abbuz fiziku, emozzjonali u anke sesswali.** Roseline Saliba xehdet illi mir-relazzjoni li Elena Maria Felice kellha ma' James Demanuele kien hemm it-tarbija Djanira li llum kellha seba' snin **'minn dak iz-zmien 'l hawn graw hafna ncidenti wiehed wara l-iehor.'** (ara fol 75).

Roseline Saliba xehdet illi f'Awissu tal-1999, James Demanuele kien ta daqqiet ta' sikkina lil Elena Maria Felice u kien tressaq il-Qorti u gie kkundannat il-habs, li kien ikun hemm theddid kontinwu anke permezz ta' telefonati, u dan anke waqt il-hin tal-access waqt li kien jara lit-tifla. Saliba xehdet illi wara li James Demanuele hareg mill-habs, il-Qorti tal-Familja kienet iddecidiet illi l-imputat jara lit-tifla b'access b'supervizjoni fil-'premises' tal-Appogg. Gara pero' illi t-tifla Dianira ma kinitx tkun trid tinzel mill-karozza, u anke jekk tinzel, tibqa' fuq il-bankina ma tkunx trid tidhol fil-'premises' tal-Appogg, ghax kienet tibza' fil-prezenza ta' missierha minkejja li kien ikun hemm is-'supervisor', **'graw speci sezzjonijiet wahda wara l-ohra u s-sitwazzjoni kienet dejjem qeghda tmur ghall-**

**aghar, fejn it-tifla wara l-hin tal-access tmur id-dar, ikollha hafna tantrums, ma tistax torqod mal-lejl, taghmel pipi tahtha, tibza…'**. (ara fol 76).

Roseline Saliba kkonfermat, a fol 76, illi fl-ahhar access, it-tifla Djanira assolutament ma riditx tattendi s-sezzjoni, **'kienet qeghda hemm twegga' lilha nfisha…bdiet tghid li ha taqbez mill-karozza'**, u ghaldaqstant, wara konferma mas-'supervisor', ittiehdet decizjoni illi ghall-gid tat-tifla, l-access dak il-hin ma kienx ser isir. Ir-rejazzjoni tal-imputat, kienet verbalment aggressiva mmens (ara xhieda a fol 77).

Roseline Saliba xehdet illi in segwitu ta' dan, kien sar rapport l-ghassa tal-Hamrun, u dan stante illi l-imputat kien beda jhedded li ser jaghmel attentat fuq il-hajja ta' Elena Maria Felice, li din kienet ser tispicca f'ghadira demm, u li kienet se tghaddi minn taht idejh. Saliba xehdet illi Dianira kienet qed twegga' lilha nfisha, kienet **'tispicca taghti fuq l-istonku taghha u tispicca bi tbengil'** (ara xhieda a fol 77), tant illi filfatt Dianira kienet qeghda tigi kkurata psikologikament u kienet qed tattendi c-Child Guidance Clinic.

A fol 78, Roseline Saliba tat rendikont tal-proceduri illi saru quddiem il-Qorti tal-Familja u dak kollu li gara in segwitu ta' dawn il-proceduri.

A fol 104, PS 1579 Johan Mifsud xehed illi fis-26 t'Awissu 2005, Elena Maria Felice kienet irrapurtat l-ghassa tal-Pulizija illi kienet giet mheddha minn James Demanuele, missier it-tifla taghha, fuq il-post tax-xoghol bil-kliem **'la tohrog barra noqtlok bis-sikkina'** (ara xhieda a fol 104). Il-Pulizija filfatt accedew mill-ewwel fuq il-post, u sabu lil James Demanuele li kien faccata tal-Maltapost, pero' x'hin ra lill-Pulizija, huwa (James) qabad u telaq 'l hemm. L-imputat gie mitkellem mill-Pulizija fejn gie mwissi biex ma jergax jersaq lejn il-post tax-xoghol ta' Elena Maria Felice. L-imputat cahad li hu qal xi kliem ta' theddid lil Elena Maria Felice u qal illi mar hemmhekk biex isir ftehim maghha dwar kif ghandu jara t-tifla tieghu. L-okkorrenza

giet esebita u mmarkata bhala dokument PS u tinstab a fol 106 et seq.

Stephen Said, impjegat mac-CAA, xehed illi huwa kien qieghed jittowja karozza minn Hal Qormi ghal Wied il-Ghajn, u kif nizzel il-karozza Wied il-Ghajn, giet persuna ohra li kienet qed issuq Metro. Said gharaf u ndika lill-imputat bhala l-persuna li kienet qed issuq il-Metro. Said xehed illi l-imputat mar biex jipprova jidhol fid-dar tal-kwerelanti (li wkoll giet identifikata fl-awla), izda ma rnexxilux. Mitlub jghid kif l-imputat prova jidhol fid-dar tal-kwerelanti, a fol 111, Said xehed **'ipprova qisu jidhol bil-girja'**. Said ikkonferma li l-imputat ma rnexxilux filfatt jidhol gewwa, staqsih min kien, Said irrisponda li kien biss il-'mechanic':

**'mbaghad jigifieri kullma ghamel faqa' l-hgiega tal-wind screen tal-karozza u telaq.'**

**Mitlub jghid kif filfatt kisser il-'wind screen', a fol 111, Said jghid illi l-imputat faqa' l-'wind screen' permezz ta' daqqiet ta' ponn u jichad illi filfatt t-tkissir tal-'wind screen' sar ghaliex l-imputat zelaq ghal fuqha**. Rigwardanti t-theddid, Said xehed **'ehe u jigifieri heddidha sewwa…li joqtolha'** (ara xhieda a fol 111 u 112).

Adriana Sammut, Coordinator tas-Supervised Access Visit mal-Appogg, tat spjegazzjoni tal-ahhar 'supervised access visit' li kienet saret fl-24 t'Awissu, u cioe' tlett ijiem qabel l-incident, fejn il-minuri addirittura, ma riditx tohrog mid-dar minkejja l-fatt illi tal-Appogg kienu pprovdew it-trasport sabiex jakkumpanjaw lit-tifla l-Appogg. Illi wara illi giet konsultata Joyce, li hija s-Senior taghhom, gie deciz illi tigi kancellata l-vizita ghaliex it-tifla assolutament ma riditx tohrog mid-dar. Adriana Sammut kellha mbaghad tinforma lill-imputat b'dan kollu u kif qaltlu illi t-tifla ma kinitx gejja ghax ma riditx tigi, **'beda jhedded li ser iwegga' lil Elena Maria'** bil-kliem **'nistraxnaha bil-karozza, ghada nsibha x-xoghol ghax ma tistax tibqa' dejjem id-dar u nhanxrilha rasha barra, ser isibuha f'ghadira demm mejta, mhix ser tehlisha minn taht**

**idejja din id-darba, araw kif ser iggibu lit-tifla ghax hazin’** (ara xhieda a fol 115).

Adriana Sammut, a fol 116 fl-ahhar paragrafu, tat rendikont ta’ dak li gara fl-ahhar seduta tas-Supervised Access Visit bejn it-tifla u missierha. Adriana Sammut esebiet dokument AS1-AS4.

PC 843 Pierre Miceli xehed illi fit-30 t’Awissu, huwa kien xoghol mis-sitta sas-saghtejn ix-Xghajra, Haz Zabbar, u ghal habta ta’ xis-siegha, inghata struzzjonijiet biex jigi arrestat l-imputat James Demanuele. Meta PS 843, flimkien ma’ Pulizija ohra, accedew id-dar tal-imputat:

**‘u qajjimnieh biex jigi maghna, beda jidghi billi joffendina, heddidna lkoll li ser joqtol lil xi wiehed minna, beda jilbes u mbaghad dahal fil-kcina, <u>beda jzommu  missieru wkoll</u>, u mbaghad kien ser johrog qedtlu ‘fejn sejjer’, qalli ‘se mmur ingib is-sigaretti, nista’ mmur ingib is-sigaretti’ u mxejna warajh, nizel it-tarag. Ahna konna qed nimxu warajh, fetah il-bieb u telaq jigri, telaq jigri hafi jigifieri, ma kellux zarbun, morna nfittxuh imma ma sibniehx’ (ara xhieda a fol 155).**

PS 1330 Alexander Schembri xehed illi fil-lejl ta’ bejn it-30 u l-31 t’Awissu 2005, ghal habta tal-ghaxra u hames minuti, huwa kien ircieva telefonata minghand Elena Maria Felice, fejn l-imputat James Demanuele kien qed jipprova jisgassa l-bieb tar-residenza taghha fi Triq La Sengle, Marsascala. PS 1330 Schembri xehed illi huwa baghat in-nies immedjatament id-dar ta’ Felice, fejn gie nfurmat illi l-imputat filfatt kien beda jhedded lil Elena Maria Felice li kif tohrog minn hemmhekk, kien ser joqtolha. PS 1330 kompla jghid, a fol 157, illi l-imputat Demanuele kien imfittex ukoll mill-Pulizija rigward rapport fuq xi ncident bil-karozza li gara fid-29 t’Awissu, u ghaldaqstant, inghataw struzzjonijiet biex jigi arrestat Demanuele d-dar tieghu.

**PS 1330 Schembri kompla jixhed illi n-nies tieghu kienu sabu lil Demanuele rieqed fid-dar tieghu, u dan**

**kien aggressiv hafna fil-konfront taghhom, beda jheddidhom li ser joqtol lil wiehed minnhom, beda jilbes, u meta kien ghadu lanqas libes iz-zarbun, harab jigri ghal gol-ghelieqi.** Il-Pulizija kienu raw il-vettura Austin Metro bin-numru tar-registrazzjoni KAH 615 ipparkjata quddiem ir-residenza tal-imputat, u din il-vettura kienet imfittxija mill-Pulizija minhabba ncidenti li kienu graw xi tlett ijiem qabel gewwa Wied il-Ghajn. Din il-vettura kellha l-licenzja taghha skaduta u giet ittowjata mill-Pulizija. PS 1330 xehed illi kien kellem lil missier l-imputat dwar ibnu (James) u li l-missier stess kien qallu illi l-imputat kien qed ikun aggressiv hafna mieghu, u li kien qed johloqlu hafna problemi fir-residenza tieghu.

PS 1330 Schembri xehed illi huwa kien ikkuntattja lil James Demanuele fuq il-‘mobile’ tieghu biex jipprova jikkonvincieh imur volontarjament l-ghassa izda dan irrifjuta. L-ghada, l-imputat kien mar filfatt volontarjament l-ghassa ta’ Haz Zabbar. PS 1330 esebixxa l-okkorrenza li giet immarkata bhala dokument PS u l-‘warrant of arrest’ bhala dokument PS1.

Spettur Joseph Agius xehed, a fol 173, illi fit-18 ta’ Jannar kien ircieva telefonata minghand is-Surgent 285 biex jistaqsi jekk l-imputat kienx ghadu taht ‘house arrest’, u dan stante illi l-imputat kien involut f’incident tat-traffiku fejn wegghet terza persuna u fejn allegatament ukoll qal kliem oxxen u dagha fil-konfront tal-Pulizija, apparti li kien qed isuq minghajr licenzja tas-sewqan. Spettur Agius xehed illi kien ghamel il-verifiki tieghu u mbaghad kien intavola rikors ghar-revoka tal-liberta’ provvisorja tal-imputat.

PS 285 Jeffrey Cutajar, a fol 174, xehed illi fit-18 ta’ Jannar huwa kien gie msejjah fuq kollizjoni fejn kien hemm in-nies feruti, sab lill-imputat James Demanuele fuq il-post li kien qed isuq il-vann. PS 285 xehed illi James Demanuele kien fis-sakra u li l-incident sehh fid-disgha u nofs ta’ filghaxija. PS Cutajar kompla jixhed illi l-imputat irrifjuta li jiehu ‘breathaliser test’, u qabad joffendi lill-Pulizija bil-kliem indikat a fol 174. PS Cutajar kompla

jixhed illi meta talab lill-imputat jghidlu x’gara fl-incident, dan irrispondieh illi ma jiftakarx u kompla joffendih.

PC 1280 xehed illi kien nizel fuq il-post tal-incident fejn kienet saret kollizjoni fejn kien involut l-imputat, u kkonferma x-xhieda ta’ PS Cutajar fuq l-istat xurban tal-imputat, fuq l-arroganza tieghu u l-kliem oxxen li qal fil-konfront tal-Pulizija, u kkonferma li ma halliex lis-Surgent Cutajar jaghmel xoghlu u li rrifjuta, ghat-tieni darba, li jiehu l-‘breathaliser test’.

PC 195, a fol 191, ikkonferma x-xhieda tas-Surgent u l-Pulizija precedenti, u kkonferma illi l-imputat kien involut f’kollizjoni, li l-vettura tieghu DAB 709 kienet mahbuta go vettura ohra. L-imputat beda jirrifjuta li jaghti l-partikolaritajiet tieghu, beda jghajjat mal-Pulizija u jinsulentahom u jghid kliem oxxen u hazin, deher li kien xurban u kellu riha ta’ alcohol hierga minn halqu. Il-Pulizija talbu lil tal-Mobile jipprovdu l-‘breathaliser test’ izda l-imputat irrifjuta li jiehu t-‘test.’ L-imputat ukoll irrifjuta li jidhol fil-karozza tal-Mobile, insulenta lill-Pulizija u rridikolahom, u ttiehed id-Depot fejn din id-darba, intalab biex jaghmel l-‘breathaliser test’ u dan irrifjuta.

Brian Farrugia, mill-Licencing and Testing Directorate, xehed illi l-vettura HAS 198 kienet registrata f’isem Elena Maria Felice minn Marsascala.

PS 100 Terence Azzopardi xehed illi fit-30 t’Awissu huwa kien qed jaghmel ‘foot patrol’ u gie msejjah biex jaccedi ghal Numru 27, Triq La Sengle, Marsascala. Huwa mar akkumpanjat minn PC 654 Elton fl-ghaxra ta’ filghaxija. Meta accedew fuq il-post, Elena Maria Felice rrapurtat illi xi hin qabel, l-ex gharus taghha beda jhabbat mal-bieb u jheddidha li ser joqtolha. Aktar tard, fuq struzzjonijiet, mar fir-residenza tal-imputat, kien hemm il-vettura Ford Fiesta tal-imputat ipparkjata barra mir-residenza, l-imputat inhasad kif ra lill-Pulizija u qabad jheddidhom li ser joqtol lil wiehed minnhom. F’mument minnhom, qal li kien ser iwegga’ lill-Pulizija u minn hemmhekk harbilhom. Il-vettura tal-imputat, KAH 615 Ford Fiesta, kellha l-licenzja taghha

skaduta. PS Azzopardi xehed illi kienu l-Pulizija li qajjmu lill-imputat mill-irqad biex jarrestawh.

Brian Farrugia, a fol 206, ikkonferma illi l-vettura KAH 615 tal-marka Austin Metro kienet registrata f'isem James Demanuele bin-numru tal-identita' 235374(M), u dan mid-9 ta' Settembru 2004 sal-lum. Huwa kkonferma illi l-licenzja tal-karozza skadiet f'Novembru 2004 u ma gietx rinovata. Rigward il-licenzja tas-sewqan, l-imputat Demanuele, bl-istess partikolaritajiet, ma kellu ebda tip ta' licenzja tas-sewqan. Brian Farrugia esebixxa dokument BF.

Spettur Anthony Cassar, a fol 225, xehed illi fil-21 t'April 2006, ghal habta ta' xit-tmienja u ghaxra ta' filghaxija, kien ircieva rapport minghand Elena Maria Felice minn Wied il-Ghajn, li giet personalment sabiex taghmel dan ir-rapport, illi l-imputat kien ghadu kemm cemplilha fuq il-'mobile' taghha bin-numru 79602714, u sab il-linja okkupata, u meta rnexxielu jikkomunika maghha, qalilha l-kliem **'jaqaw kont qed titkellem ma' siehbek inti, bija ma tridx taf u Allahares narak ma' haddiehor ghax noqtolkom, u t-tifla nehodhielek'**.

Waqt illi Elena Maria Felice kienet qed titkellem mal-Ispettur Cassar fl-ghassa, hija rceviet telefonata, u ghaldaqstant, ghaddiet il-'mobile' lill-Ispettur Cassar sabiex dan ikun jista' jwissi lill-imputat. Spettur Cassar ikkonferma illi huwa hekk ghamel izda l-Ispettur Cassar irrispondieh bi kliem oxxen li jidher a fol 226. Spettur Cassar xehed illi l-imputat qallu li Elena Maria Felice kienet ghaddietlu xi messaggi bin-numru tieghu 79925106. Elena Maria Felice kkonfermat illi l-imputat kien baghtilha zewg messaggi oxxeni bil-kliem li jidhru a fol 226 tal-process. L-okkorrenza giet esebita bhala dokument AC a fol 228.

Adriana Sammut, a fol 230, Coordinator tas-Supervised Access Visits mal-Appogg, xehdet bil-bdil tad-decizjonijiet li ghamel l-imputat rigwardanti t-tifla tieghu fis-seduta li kellhom il-Qorti, meta ghall-ewwel gharaf illi l-visti kienu ta' detriment ghat-tifla tieghu u ddecieda li ser iwaqqafhom, u

f’temp ta’ zewg sighat, rega’ biddel fehmtu u ried jissokta bil-kawzi. Ftit wara dan, l-imputat rega’ nforma lil Sammut illi kien ikun ahjar illi l-viziti jieqfu ghal ftit. Nel frattemp, it-tifla Dianira sahansitra rrifjutat li tmur l-Appogg biex izzomm appuntament mal-psikologa taghha Ann Marie Micallef, minkejja li kienet taf illi missierha ma kienx ser ikun prezenti.

Elena Maria Felice, a fol 222, xehdet illi fil-21 t’April 2006 l-imputat kien rega’ beda jheddiha, apparti l-kliem oxxen **‘qeghda ma’ haddiehor u hemm min hu ghassa tieghi, jekk ikollok lil haddiehor noqtlok, u nibqa’ nibqa’ sakemm lit-tifla nehodhielek’**. Elena Maria Felice xehdet illi hija bezghet u marret taghmel rapport fl-ghassa tal-Pulizija fejn kienet sabet lill-Ispettur Cassar, u waqt illi kienet qed tkellem lill-istess Spettur Cassar, rega’ cempel l-imputat beda jghidilha kliem oxxen u hafna pastazati. Ghar-rigward tal-SMS’s, Elena Maria Felice xehdet illi waqt is-seduta quddiem il-Magistrat Vella, l-imputat wera xewqa li jilhqu kompromess, baghtilha nota bin-numru tat-telefon tieghu, u din in-notament giet esebita bhala dokument HEF, li nkitbet bil-kaligrafija tal-imputat. Elena Maria Felice xehdet illi sahansitra l-girien kienu jghidulha li kien qed ikun fil-vicinanzi u li fil-Valentine’s Day, rawh fis-sakra. Elena Maria Felice kompliet tghid illi l-girien kienu jibzghu hafna mill-imputat.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi fuq esposti, huwa evidenti illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tilhaq il-livell tal-provi rikjest skond il-ligi u cioe’ ‘beyond reasonable doubt’, u rnexxielha tipprova illi l-imputat James Demanuele kien il-persuna illi wettaq il-hsarat konsiderevoli fuq il-vettura HAS 198, propjeta’ ta’ Elena Maria Felice, fid-data, lok u hin citat fl-akkuza. Dan qieghed jinghad mhux biss ghaliex il-familja Felice shiha kienu xhieda tal-ewwel parti ta’ dan l-incident, izda ghax kien hemm ix-xhieda ta’ Stephen Said, impjegat mac-CAA, li kien xhud okulari ta’ dak kollu li gara.

Il-Qorti nnotat ukoll il-biza’ tremenda li biha x-xhud Stephen Said ta t-testimonianza tieghu quddiem din il-

Qorti. Stephen Said filfatt ikkonferma kemm il-hsarat fuq il-vettura ta’ Elena Maria Felice, kif ukoll it-theddid konsiderevoli da parti tal-imputat li ser joqtol lill-istess Elena Maria Felice.

Illi ghar-rigward imbaghad it-theddid fuq il-hajja ta’ Elena Maria Felice da parti tal-imputat Demanuele, din il-Qorti hi tal-fehma li din hija pruvata sodisfacjentement skond il-ligi, u dan qed jinghad ghaliex hemm xhieda zgjaccanti dwar dan, minn naha tal-familja ta’ Felice ntiera u wkoll da parti ta’ xhud indipendenti Stephen Said kif fuq indikat.

Ghar-rigward tat-tielet akkuza tal-ghajjat u l-glied da parti tal-imputat, din ukoll giet sodisfacjentement ippruvata mix-xhieda ga fuq indikati. Irid jinghad illi l-imputat instema’ mill-familja Felice meta dawn kien fil-parti ta’ gewwa tad-dar waqt illi hu kien qieghed jghajjat, jheddidha, jghid kliem oxxen u jkisser il-vettura ta’ Elena Maria.

Din il-Qorti ser tghaddi biex tezamina r-raba’ u l-hames akkuzi, cioe’ dawk kontemplati taht l-Artikli 95 u 96. Din il-Qorti, kif diga’ fuq espost, ezaminat ix-xhieda vivida u dettaljata ta’ numru konsiderevoli ta’ Pulizija u jirrizulta ppruvat bla dubju dettat mir-raguni illi l-imputat irrezista lill-Ufficjali tal-Pulizija meta dawn gew biex jarrestawh, illi beda joffendihom bl-addocc, sahansitra heddidhom billi qalilhom li kien ser joqtol lil wiehed minnhom, u li spicca biex harbilhom ghaliex qarraq bihom.

Illi ghar-rigward tas-sitt akkuza, m’hemm ebda dubju illi l-imputat saq il-vettura KAH 615 minghajr ma kien kopert b’licenzja tas-sewqan, u dan jirrizulta mix-xhieda ta’ Brian Farrugia fuq indikata, izda jidher ukoll illi l-imputat kien filfatt assigurat b’polza ta’ assigurazzjoni li giet esebita bhala dokument JD, u li l-koperta tal-assigurazzjoni kienet valida sat-30 ta’ Novembru 2005.

Illi ghar-rigward tas-seba’ akkuza, din il-Qorti tqis illi hija assorbita fil-hames u s-sitt akkuza, u ghar-rigward tal-ahhar akkuza tar-ricediva, din il-Qorti tara illi minkejja illi gew sodisfacjentement esebiti z-zewg sentenzi dokument JAX1 u JAX2, minn fol 59-80, fejn l-imputat kien gie

kkundannat minn Qrati ohra ghar-rigward ta’ stupru ta’ minorenni u ghar-rigward ta’ griehi gravi bi strument li jaqta’ u bil-ponta fil-konfront ta’ Elena Maria Felice, ma jidhirx illi l-Prosekuzzjoni pproduciet ix-xhieda tal-identita’ skond il-ligi. Ghaldaqstant, in mankanza ta’ dan, din il-Qorti ma tistax issib htija fl-ahhar akkuza.

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba’ u l-hames akkuzi, l-ewwel parti tas-sitt akkuza u tilliberah mit-tieni parti taghha, is-seba’ akkuza assorbita fir-raba’ u l-hames akkuza, u mhux hati tal-ahhar akkuza u minnha liberat, u wara li rat l-Artikli 325(1)(b), 338(bb), 339(e), 95 u 96 tal-Kap 9, u Artiklu 15 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannah ghal tmintax-il xahar prigunerija li minnhom jitnaqqas iz-zmien illi l-imputat ghamel f’arrest preventiv. In oltre, il-Qorti tqieghed lill-imputat taht garanzija ai termini tal-Artiklu 383 tal-Kap 9, b’obbligazzjoni li l-imputat ma jdejjaqx u ma jimmolestax lill-kwerelanti Elena Maria Felice u l-familja taghha ghal zmien sena. In oltre, il-Qorti tiskwalifika lill-imputat milli jottjeni l-licenzja tas-sewqan ghal zmien sentejn mid-data ta’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------